**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2015/2063(INI)**

3.7.2015

# EMENDI
# 1 - 661

**Abbozz ta' rapport**
**Rachida Dati**
(PE551.967v01–00)

dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi

**Emenda 1**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Jean Lambert, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 5, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 4, 67, 68, 70, 71, 72, 75, 82, 83, 84, 85, 86, 87 u 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), | — wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 5, 6***, 8, 10*** u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 4, ***16,*** 67, 68, 70, 71, 72, 75, 82, 83, 84, 85, 86, 87 u 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), |

Or. en

**Emenda 2**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 5, 6 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 4, 67, 68, 70, 71, 72, 75, 82, 83, 84, 85, 86, 87 u 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), | — wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 5, 6***, 7*** u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 4***, 8, 10***, 67, 68, 70, 71, 72, 75, 82, 83, 84, 85, 86, 87 u 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), |

Or. en

**Emenda 3**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra d-Data in Focus Report 2: Il-Musulmani u l-istħarriġ dwar l-esperjenzi tal-Lhud u l-perċezzjonijiet ta' reati ta' mibegħda u diskriminazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, l-EU-MIDIS.*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fit-8 ta' Ottubru 2004 dwar Theddid għall-Paċi u s-Sigurtà Internazzjonali Kkawżat mit-Terroriżmu*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja C-373/13 H. T. v Land Baden-Württemberg u l-Kawżi Konġunti C-57/09 u C-101/09 Bundesrepublik Deutschland v B u D;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petr Ježek, Nathalie Griesbeck**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 6a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-verżjoni riveduta tal-Istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi, adottata mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Mejju 2014 u approvata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-5 u tas-6 ta' Ġunju 2014 (doc. 9956/14),*** |

Or. fr

**Emenda 7**
**Caterina Chinnici, Goffredo Maria Bettini, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Barranin tat-12 u t-13 ta' Marzu 2015,*** |

Or. it

**Emenda 8**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 15a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***- wara li kkunsidra l-laqgħa tal-Kunsill ĠAI fit-12 u t-13 ta' Marzu 2015,***

*(F'din il-laqgħa, il-Ministri ddeċidew li jistabbilixxu fi ħdan l-Europol unità Ewropea responsabbli għall-indikazzjoni tal-kontenut fuq l-Internet.)*

Or. fr

**Emenda 9**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***- wara li kkunsidra l-protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-pjan ta' azzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni li jwasslu għat-terroriżmu adottat fid-19 ta' Mejju 2015,***

Or. fr

**Emenda 10**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 10a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***- Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-***

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni tat-Terroriżmu Adottat mill-Kumitat tal-Ministri fil-125 Sessjoni tiegħu fid-19 ta' Mejju 2015*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-11 ta' Frar 2015 dwar miżuri kontra t-terroriżmu (2015/2530 (RSP)),*** |

Or. fr

**Emenda 12**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-11 ta' Frar 2015 dwar miżuri kontra t-terroriżmu,*** |

Or. fr

**Emenda 13**
**Anna Hedh, Soraya Post, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-fiduċja reċiproka fiż-żona ġudizzjarja Ewropea – Green Paper dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali fil-qasam tad-detenzjoni COM(2011) 327 finali*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ***ċittadin*** Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi aktar minn 5 000 ***estremist reliġjuż*** Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; |

Or. en

**Emenda 15**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi ***Iżlamiċi*** u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; |

Or. de

**Emenda 16**
**Vicky Maeijer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ***ċittadin*** Ewropew ingħaqdu ma’ organizzazzjonijiet terroristiċi u b’mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi aktar minn 5 000 ***ġiħadi*** Ewropew ingħaqdu ma’ organizzazzjonijiet terroristiċi u b’mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli |

Or. nl

**Emenda 17**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi ***aktar minn*** 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi ***huwa stmat li*** 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; |

Or. en

**Emenda 18**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi ***dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli***; | A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi ***tali individwi huma magħrufa bħala ġellieda barranin***; |

Or. en

**Emenda 19**
**Petras Auštrevičius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi ***u formazzjonijiet militari oħra,*** b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; |

Or. en

**Emenda 20**
**Ana Gomes, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh ***fl-Iraq u fis-Sirja***; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; | A. billi aktar minn 5 000 ċittadin Ewropew ingħaqdu ma' organizzazzjonijiet terroristiċi u b'mod partikolari mal-gradi tad-Da'esh fl-Iraq u fis-Sirja***, Jahbat-al-Nusra u oħrajn barra mill-Unjoni Ewropea, speċjalment fir-reġjun MENA***; billi dan il-fenomenu ma jiqafx milli |

| | |
|---|---|
| | jkompli jaċċelera biex isir ta' daqs konsiderevoli; |

Or. en

**Emenda 21**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. Billi r-radikalizzazzjoni saret terminu li jintuża biex jiddeskrivi l-fenomenu tan-nies li jħaddnu opinjonijiet, fehmiet u ideat intolleranti li jistgħu jwasslu għal estremiżmu vjolenti*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Sylvie Guillaume, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi r-radikalizzazzjoni ta' dawn il-"ġellieda Ewropej" hija fenomenu kumpless u dinamiku, ibbażat fuq total ta' fatturi globali, soċjoloġiċi u politiċi; billi din ma tikkorrispondix għal profil uniku, u tolqot irġiel, nisa u fuq kollox ċittadini żgħażagħ Ewropej minn kull oriġini soċjali, li għandhom bħala punt komuni s-sentiment ta' firda minn mas-soċjetà; billi l-kawżi tar-radikalizzazzjoni jistgħu jkunu kemm soċjoekonomiċi, ideoloġiċi, personali kif ukoll psikoloġiċi, u għal din ir-raġuni għandna nifhmuha fir-rigward*** |

***tal-perskors ta' kull individwu kkonċernat;***

Or. fr

**Emenda 23**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. Billi r-radikalizzazzjoni mhi assoċjata mal-ebda ideoloġija jew fidi iżda tista' tokkorri fi kwalunkwe waħda minnhom*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni jwasslu għal bosta taħlit fost ir-reliġjonijiet, li jikkawżaw żieda fil-kriminalità u d-diskors ta' mibegħda motivati mir-razziżmu, il-ksenofobija, jew l-intolleranza għal opinjoni, twemmin jew reliġjon; billi huwa essenzjali li jitfakkar li korruzzjoni tar-reliġjon, u mhux ir-reliġjon stess, hija waħda mill-kawżi tar-radikalizzazzjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 25**
**Frank Engel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi ***f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena*** 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi ***fis-sena*** 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 26**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***l-attakki terroristiċi*** f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 ***juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat*** bl-aktar mod aħrax ***dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri***; | B. billi ***l-Unjoni Ewropea kkundannat l-attakki terroristiċi*** f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 bl-aktar mod aħrax; |

Or. en

**Emenda 27**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***ġellieda*** barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***terroristi*** barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 28**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***ġellieda barranin*** fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***ġiħadisti*** fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 29**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena |

| | |
|---|---|
| 2015 juru b'mod ċar ***it-theddida*** għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda ***barranin fuq it-territorju Ewropew***; billi l-Unjoni ***Ewropea*** kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | 2015 juru b'mod ċar ***il-perikolu*** għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda ***Ewropej fl-Unjoni Ewropea***; billi l-Unjoni kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu ***u tipprevjeni r-radikalizzazzjoni*** flimkien mal-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 30**
**Kati Piri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin ***u residenti radikali*** fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 31**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petras Auštrevičius, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u ***f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ- | B. billi l-attakki terroristiċi ***li kienu qed iseħħu*** f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż ***fost l-oħrajn*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ- |

| | |
|---|---|
| ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri ***ġewwa t-territorju u barra mit-territorju tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 32**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi ***f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu*** tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi ***fi Franza, fit-Tuneżija u f'Kopenħagen mill-bidu*** tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda "barranin" fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 33**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l- | B. billi l-attakki terroristiċi ***Iżlamiċi*** f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l- |

| | |
|---|---|
| attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu ***Iżlamistiku*** flimkien mal-Istati Membri; |

Or. de

**Emenda 34**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f’Pariġi, f'Kopenħagen u f’Tuneż ***fil-bidu tas-sena 2015*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta’ ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi ***riċenti fi Brussell,*** f’Pariġi, f'Kopenħagen u f’Tuneż***, f'Sousse u f'Isère*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta’ ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 35**
**Ana Gomes, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew ***u fil-viċinat***; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri***, ġewwa u barra mit-territorju tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 36**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi***,*** f'Kopenħagen ***u f'Tuneż*** fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi ***u*** f'Kopenħagen fil-bidu tas-sena 2015 juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza ***ta' estremisti vjolenti li spiss ikunu ċittadini tal-UE*** u ċ-ċirkolazzjoni ta' ġellieda barranin fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat bl-aktar mod aħrax dawn l-attakki u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 37**
**Vicky Maeijer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen ***u f'Tuneż fil-bidu tas-sena 2015*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***ġellieda barranin*** fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat ***bl-aktar mod aħrax*** dawn l-attakki ***u ħadet l-impenn li tiġġieled it-terroriżmu flimkien mal-Istati Membri***; | B. billi l-attakki terroristiċi f'Pariġi, f'Kopenħagen***, fi Brussell u f'Grenoble fl-2015*** juru b'mod ċar it-theddida għas-sigurtà li hemm bil-preżenza u ċ-ċirkolazzjoni ta' ***ġiħadi*** fuq it-territorju Ewropew; billi l-Unjoni Ewropea kkundannat dawn l-attakki***, imma fl-istess ħin timporta dgħajjes mimlija b'terroristi ġodda***; |

Or. nl

**Emenda 38**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-maġġoranza l-kbira ta' attakki terroristiċi f'pajjiżi tal-UE għal ħafna snin twettqu minn organizzazzjonijiet separatisti*** |

Or. en

**Emenda 39**
**Ana Gomes, Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. (ġdid). billi r-reklutaġġ għal atti terroristiċi ta' ċittadini tal-UE u ċittadini mhux tal-UE li joqogħdu fl-UE għandu wkoll rabtiet mal-qgħad, l-esklużjoni soċjali, in-nuqqas ta' opportunitajiet u faqar; billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika fl-Ewropa, li laqtet b'intensità partikolari ċerti Stati Membri tal-UE u infurzat pjanijiet ta' awsterità ħorox, wasslet biex l-affarijiet imorru għall-agħar billi permezz tagħha eluf ta' nies spiċċaw fqar u b'futur mingħajr impjieg;*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ba. billi l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni ma tistax tiġi limitata biss għar-radikalizzazzjoni Iżlamista; billi r-radikalizzazzjoni reliġjuża u l-estremiżmu vjolenti jolqtu wkoll il-kontinent Afrikan kollu; billi r-radikalizzazzjoni politika laqtet ukoll l-Ewropa fl-2011, fin-Norveġja bl-attentati mwettqa minn Anders Behring Breivik;***

Or. fr

**Emenda 41**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Barbara Spinelli, Birgit Sippel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ca. (ġdid) billi l-estremiżmu vjolenti tal-lemin estrem, li wassal għal avvenimenti traġiċi bħall-attakki fin-Norveġja fit-22 ta' Lulju 2011, huwa periklu li dejjem jikber fl-Ewropa u huwa l-konsegwenza ta' normalizzazzjoni dejjem tiżdied ta' diskorsi politiċi ksenofobiċi u Iżlamofobiċi; billi, preċiżament ir-radikalizzazzjoni hija fenomenu wiesa' ħafna li jikkonċerna l-motivazzjonijiet terroristiċi kollha, sew jekk huma politiċi, soċjali, etniċi jew reliġjużi;***

Or. en

**Emenda 42**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bb (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Bb. billi l-estremiżmu vjolenti tal-lemin estrem wassal għal avvenimenti traġiċi bħall-attakki fin-Norveġja fit-22 ta' Lulju 2011 u huwa periklu li dejjem jikber fl-Ewropa u l-konsegwenza tal-leġittimizzazzjoni dejjem tiżdied ta' diskorsi politiċi ksenofobiċi u Iżlamofobiċi.***

Or. en

**Emenda 43**
**Barbara Spinelli, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bc (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Bc. Minħabba l-qawmien mill-ġdid ta' gruppi viġilanti tal-lemin estrem, b'żgħażagħ minn Franza, Spanja, is-Serbja, l-Italja u l-Iżvezja jivvjaġġaw lejn l-Ukrajna biex jiġġieldu ma' gruppi faxxisti flimkien mar-Russja.***

Or. en

**Emenda 44**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ba. billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom ir-responsabbiltà u d-dmir li jipproteġu ċ-ċittadini Ewropej, filwaqt li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u tal-libertajiet individwali tagħhom fil-***

| | |
|---|---|
| | ***ħolqien u l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà;*** |

Or. fr

**Emenda 45**
**Nadine Morano**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi t-theddida terroristika hija sinifikanti fl-Unjoni Ewropea, partikolarment fil-pajjiżi li kienu involuti jew għadhom s'issa involuti militarment f'operazzjonijiet esterni fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika;*** |

Or. fr

**Emenda 46**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bd (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bd. billi, skont il-Europol fl-2013 kien hemm 152 attakk terroristiku fl-UE. Tnejn minnhom kienu "mqanqla mir-reliġjon." 84 kienu mqanqla minn twemmin etnonazzjonalist jew separatist. Fl-2012, kien hemm 219-il attakk terroristiku fil-pajjiżi tal-UE, sitta minnhom kienu "mqanqla mir-reliġjon."*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Maite Pagazaurtundúa Ruiz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hb. billi r-radikalizzazzjoni terroristika fi ħdan l-Unjoni m'għandhiex titqies bħala sistematikament marbuta ma' kunsiderazzjonijiet reliġjużi;*** |

Or. fr

**Emenda 48**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri***, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles***; | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 49**
**Barbara Spinelli, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni u*** tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri***, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles***; | terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri; |

Or. en

**Emenda 50**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi ***huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles***; | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi ***hija essenzjali kooperazzjoni Ewropea għall-iskambju effiċjenti u effettiv ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi sabiex tiġi miġġielda n-natura transfruntiera u l-periklu mit-terroristi, b'mod partikolari t-theddida ta' ġellieda barranin tal-UE u l-fenomenu dejjem jikber tar-radikalizzazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 51**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l- | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l- |

| | |
|---|---|
| prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem ***biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ*** fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles; | prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles; |

Or. fr

**Emenda 52**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles; | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi ***dawn il-fenomeni essenzjalment transfruntiera se jinftiehmu aħjar b'mod aktar effikaċi fil-livell tal-Unjoni Ewropea, fuq il-bażi ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, ta' strateġiji u ta' miżuri komuni; billi, filwaqt li l-ġestjoni tar-radikalizzazzjoni hija differenti ħafna fost l-Istati Membri,*** huwa meħtieġ ***għalhekk*** approċċ Ewropew miftiehem ***li jagħti valur miżjud*** biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ ***f'dawn l-oqsma,*** fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles; |

Or. fr

**Emenda 53**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles***;***

*Emenda*

C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem u ***li jirrappreżenta valur miżjud reali partikolarmant*** biex ***jiġu koordinati l-politiki tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, jiġi infurzat l-iskambju ta' informazzjoni, jiġu identifikati l-prattiki tajbin, jiġu żviluppati ideat ġodda u*** jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles;

Or. fr

**Emenda 54**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati ***l-liġijiet*** li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles;

*Emenda*

C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu ***kkoordinati jew*** armonizzati ***fejn xieraq il-liġijiet*** li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles;

Or. en

**Emenda 55**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet ***terroristiċi*** tibqa' ***essenzjalment il-kompetenza*** tal-Istati Membri, ***iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles***; | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu ***Iżlamiku*** u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet ***Iżlamiċi vjolenti*** tibqa' ***l-kompetenza*** tal-Istati Membri, ***u armonizzazzjoni tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri min-naħa tal-UE f'dan il-qasam teħtieġ tieħu inkunsiderazzjoni r-responsabbiltajiet nazzjonali***; |

Or. de

**Emenda 56**
**Ana Gomes, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati ***l-liġijiet*** li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles; | C. billi l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi tibqa' essenzjalment il-kompetenza tal-Istati Membri, iżda billi huwa meħtieġ approċċ Ewropew miftiehem biex jiġu armonizzati l-liġijiet li hemm fis-seħħ fi spazju fejn iċ-ċittadini Ewropej jiċċirkolaw b'mod ħieles ***u sabiex il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu jkunu effettivi***; |

Or. en

**Emenda 57**
**Birgit Sippel, Sylvia-Yvonne Kaufmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. billi politika tas-sigurtà ta' suċċess għandha tindirizza l-fatturi sottostanti tal-estremiżmu u r-radikalizzazzjoni, bħall-intolleranza u diskriminazzjoni permezz tal-promozzjoni tat-tolleranza politika u reliġjuża, l-iżvilupp ta' koeżjoni soċjali u inklussività u l-iffaċilitar tal-integrazzjoni mill-ġdid;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Monika Hohlmeier, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi r-radikalizzazzjoni sseħħ f'ambjenti multipli u permezz tad-diversi modi u prattiki; billi r-radikali spiss jibbenefikaw mill-influwenza tal-awtorità personali mill-mexxejja tagħhom u billi dawn il-mudelli dannużi jeżerċitaw impatt simili fuq il-vittmi tagħhom għal dak ta' setet reliġjużi;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi dan ir-rapport irid ukoll ikun l-okkażjoni biex jiġu indirizzati l-azzjonijiet*** |

***ta' kull tip ta' organizzazzjoni terroristika, minkejja r-rabta tagħhom li ġiet osservata ma' kwalunkwe reliġjon, nazzjonalità jew grupp etniku.***

Or. en

**Emenda 60**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Cb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Cb. Billi l-komunitajiet Lhud huma waħda mill-miri ta' dawn l-attakki terroristiċi u anti-Semitiċi, dan iwassal għal perċezzjoni dejjem tiżdied ta' nuqqas ta' sigurtà u biża' fi ħdan il-komunitajiet Lhud fl-Ewropa.*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Anna Maria Corazza Bildt, Carlos Coelho, Monica Macovei, Frank Engel, Barbara Matera, Traian Ungureanu, Kinga Gál, Alessandra Mussolini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni ***taċ-ċittadini Ewropej*** u billi ***hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri*** tagħha ***li jagħtu prova tal-użu*** sħiħ ***tagħhom***; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni u billi ***l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri*** tagħha ***għandhom jagħmlu użu*** sħiħ ***minnhom***; |

Or. en

**Emenda 62**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata ***r-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata ***l-adeżjoni*** taċ-ċittadini Ewropej ***għall-estremiżmu vjolenti*** u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; |

Or. en

**Emenda 63**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ ***tagħhom***; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ ***ta' dawn l-għodod u jippruvaw isaħħuhom sabiex jirriflettu l-isfidi attwali li l-UE u l-Istati Membri jridu jħabbtu wiċċhom magħhom***; |

Or. en

**Emenda 64**
**Ana Gomes, Birgit Sippel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; ***billi għad fadal riluttanza perversa min-naħa tal-Istati Membri biex jikkooperaw f'oqsma sensittivi, bħall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-intelligence;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata ***r-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li ***jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom***; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex jiġi indirizzat ***ir-reklutaġġ*** taċ-ċittadini Ewropej ***f'organizzazzjonijiet terroristiċi*** u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li ***jorjentaw mill-ġdid il-politiki tagħhom b'tali mod li jagħti prijorità l-prevenzjoni billi jirrikonoxxu u jindirizzaw il-fatturi multipli li jwasslu lin-nies biex iwettqu vjolenza estrema***; |

Or. en

**Emenda 66**
**Louis Michel, Gérard Deprez, Maite Pagazaurtundúa Ruiz**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta’ strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; | D. billi hemm ċertu numru ta’ strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; ***billi minħabba ż-żieda fl-importanza tar-radikalizzazzjoni terroristika, f'kuntradizzjoni totali mal-valuri Ewropej, għandhom jitniedu mezzi ġodda fir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;*** |

Or. fr

**Emenda 67**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ ***tagħhom***; | D. billi hemm ċertu numru ta' strumenti li diġà jeżistu fl-Ewropa biex tiġi indirizzata r-radikalizzazzjoni ***terroristika*** taċ-ċittadini Ewropej u billi hija r-responsabilità tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha li jagħtu prova tal-użu sħiħ tagħhom; |

Or. en

**Emenda 68**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta’ radikalizzazzjoni kultant ikunu tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni*** | ***imħassar*** |

***Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu;***

Or. fr

**Emenda 69**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' radikalizzazzjoni kultant ikunu tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

Or. en

**Emenda 70**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' ***radikalizzazzjoni*** kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' ***estremiżmu vjolenti*** kultant ***tkun*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; |

Or. en

**Emenda 71**
**Barbara Spinelli, Malin Björk, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni ***tar-riskju ta' radikalizzazzjoni*** kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri ***effettivi***, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | E. billi l-assunzjoni ***tal-prevenzjoni tar-reklutaġġ*** kultant ***tkun*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; |

Or. en

**Emenda 72**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni ***tar-riskju*** ta' radikalizzazzjoni kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | E. billi l-assunzjoni ***tal-ġlieda kontra r-riskju*** ta' radikalizzazzjoni kultant ***tkun*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; ***billi wħud minn dawn il-miżuri għandhom effetti diskriminatorji fuq ċerti komunitajiet u li għalhekk jistgħu jkunu kontroproduttivi;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' | E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' |

| | |
|---|---|
| radikalizzazzjoni kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | radikalizzazzjoni kultant ***tkun*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; ***billi wħud minn dawn il-miżuri għandhom effetti diskriminatorji fuq ċerti komunitajiet;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' radikalizzazzjoni kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' radikalizzazzjoni ***ta' partijiet mill-minoranzi Iżlamiċi tagħhom*** kultant tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; |

Or. de

**Emenda 75**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' radikalizzazzjoni kultant ***ikunu*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; | E. billi l-assunzjoni tar-riskju ta' radikalizzazzjoni ***terroristika*** kultant ***tkun*** tvarja bil-kbir bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; billi anke jekk ċerti Stati Membri diġà ħadu miżuri effettivi, oħrajn għadhom lura quddiem dan il-fenomenu; |

Or. en

**Emenda 76**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi xi wħud minn dawn il-miżuri jista' jkollhom effetti diskriminatorji fuq ċerti komunitajiet, inkluż fuq il-Musulmani jew dawk perċepiti bħala tali*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni*** u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni ***tal-estremiżmu vjolenti*** u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. en

**Emenda 78**
**Barbara Spinelli, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni u*** tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu ***li qed jikber*** jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. en

**Emenda 79**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi ***hija meħtieġa*** azzjoni Ewropea ***urġenti*** mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta’ tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta’ konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta’ atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi azzjoni Ewropea ***miftiehma*** mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej ***illum il-ġurnata hija prijorità, u għandha tagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-minuri,*** bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta’ tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta’ konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta’ atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. fr

**Emenda 80**
**Emil Radev**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea***, inkluż kooperazzjoni akbar bejn l-Istati Membri u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-kumpaniji tal-IT,*** urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. en

**Emenda 81**
**Kati Piri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt***, jiġu deradikalizzati dawk li jibqgħu fil-pajjiż,*** u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. en

**Emenda 82**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew ***u f'pajjiżi terzi***; |

Or. en

**Emenda 83**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta’ konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta’ atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta’ konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta’ atti terroristiċi ***Iżlamiċi*** oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. de

**Emenda 84**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej ***lejn żoni*** ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej ***li jkun beħsiebhom jipparteċipaw b'mod attiv jew jappoġġjaw ċaqliqiet li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u n-normi u l-liġijiet internazzjonali, partikolarment f'żoni*** ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. en

**Emenda 85**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra ***fit-territorju*** Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ***terroristika*** u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi ***ġewwa jew lil hinn mit-territorju*** Ewropew; |

Or. en

**Emenda 86**
**Eleftherios Synadinos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt u bil-għan jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; | F. billi hija meħtieġa azzjoni Ewropea urġenti mil-lat ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej bil-għan li dan il-fenomenu li qed jikber jiġi mrażżan, b'tali mod li jitwaqqaf il-fluss ta' tluq taċ-ċittadini Ewropej lejn żoni ta' konflitt***, billi jitqies li, għall-kuntrarju, is-suldati tal-Istat Iżlamiku – li l-missjoni tagħhom hija li jirreklutaw ċittadini Ewropej – jinsabu moħbija fil-flussi tal-immigrazzjoni lejn l-UE,*** u bil-għan ***li*** jiġi pprevenut it-twettiq ta' atti terroristiċi oħra fit-territorju Ewropew; |

Or. el

**Emenda 87**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi dan huwa fenomenu internazzjonali u nistgħu nitgħallmu dwaru minn ħafna partijiet tad-dinja;*** |

Or. en

**Emenda 88**
**Kashetu Kyenge**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. Billi huwa meħtieġ li jiġu identifikati u analizzati l-kawżi li jwasslu għal*** |

| | |
|---|---|
| | ***radikalizzazzjoni, b'mod partikolari l-faqar, l-emarġinazzjoni, l-esklużjoni soċjali u t-tluq bikri mill-iskola;*** |

Or. it

**Emenda 89**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri*** preventivi milli ***fuq il-miżuri*** reattivi quddiem ***ir-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej ***u r-reklutaġġ tagħhom*** mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi ***huwa meħtieġ li jsir investiment f'miżuri*** preventivi ***aktar*** milli ***f'miżuri*** reattivi quddiem ***l-estremiżmu vjolenti u r-reklutaġġ*** taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 90**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ***ir-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ***l-estremiżmu vjolenti*** taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 91**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri*** preventivi ***milli fuq il-miżuri*** reattivi ***quddiem*** ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi ***huwa meħtieġ sett ta' miżuri*** preventivi ***u*** reattivi ***komplimentari sabiex tiġi indirizzata*** r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 92**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri ***reattivi*** quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi ***aktar*** milli fuq il-miżuri ***ripressivi*** quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. fr

**Emenda 93**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi ***milli*** fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill- | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi ***kif ukoll*** fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill- |

| | |
|---|---|
| organizzazzjonijiet terroristiċi; | organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 94**
**Anna Hedh, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; ***billi tali miżuri preventivi għandhom jinkludu t-tisħiħ tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra r-razziżmu;*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi ***fil-preżent*** hija kwistjoni li titqiegħed ***aktar*** enfasi fuq il-miżuri preventivi ***milli fuq il-miżuri reattivi*** quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet ***terroristiċi***; | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed enfasi ***wkoll*** fuq il-miżuri preventivi ***minbarra dawk ta' infurzar*** quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet ***Iżlamiċi***; |

Or. de

**Emenda 96**
**Ana Gomes, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | G. billi fil-preżent hija kwistjoni li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; ***billi strateġija għall-kontrobilanċ tal-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ terroristiku fl-UE jista' jaħdem biss jekk jiġi żviluppat b'mod parallel ma' strateġija tal-integrazzjoni, l-hekk imsejħa ritorn, riintegrazzjoni u deradikalizzazzjoni tal-"ġellied barrani";*** |

Or. en

**Emenda 97**
**Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi hija inkluża f'serje ta' miżuri li jkopru bosta oqsma li jippromwovu s-sigurtà, il-ġustizzja u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd; billi fost fatturi oħra li jistgħu jiffavorixxu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi, insibu partikolarment l-inugwaljanza, l-emarġinazzjoni, l-esklużjoni soċjali u d-diffikultà ta' aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità;*** |

Or. fr

**Emenda 98**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ma tistax tkun ibbażata fuq approċċ ripressiv; billi din anzi għandha ssir skont il-każ, permezz ta' djalogu, fiduċja u smigħ, u l-kundanna tal-użu tal-vjolenza aktar milli tal-idea jew l-opinjoni; billi din għandha tkun ibbażata l-ewwel nett fuq l-edukazzjoni, l-integrazzjoni u l-emanċipazzjoni tal-individwi, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet;*** |

Or. fr

**Emenda 99**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi fil-preżent huwa importanti li titqiegħed aktar enfasi fuq il-miżuri preventivi milli fuq il-miżuri reattivi quddiem ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej u r-reklutaġġ tagħhom mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;*** |

Or. en

**Emenda 100**
**Nadine Morano**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. billi ċerti użijiet tal-Internet jippromwovu r-radikalizzazzjoni, filwaqt li jippermettu lill-fanatiċi tad-dinja kollha li jikkuntattjaw lil xulxin u jirreklutaw, mingħajr kuntatt fiżiku u b'mod diffiċli li jiġi traċċat, individwi iżolati u vulnerabbli;*** |

Or. fr

**Emenda 101**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali ***u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea***; billi ***s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita***; | H. billi ***l-Karta*** tad-Drittijiet Fundamentali ***tiggarantixxi d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà***; billi ***dawn iż-żewġ prinċipji jridu jkunu bbilanċjati u jikkollaboraw f'politiki u inizjattivi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu***; |

Or. en

**Emenda 102**
**Ana Gomes, Jean Lambert, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej ***mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet*** tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; | H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea ***u mill-Istati Membri, partikolarment id-dritt għall-ħajja privata, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta, il-preżunzjoni tal-innoċenza, id-dritt għal rendikont u proċess ġust, libertà tal-espressjoni u l-libertà tar-reliġjon***; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej ***trid tippreserva d-drittijiet ċivili u politiċi tagħhom u l-libertajiet*** tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; |

Or. en

**Emenda 103**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej ***mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet*** tagħhom***; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita;*** | H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea ***u l-Istati Membri***; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej ***trid tippreserva l-libertajiet*** tagħhom***, billi tirrispetta l-istandards internazzjonali tad-drittijiet fundamentali*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Frank Engel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; ***billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita;*** | H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; |

Or. fr

**Emenda 105**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili ***huwa indispensabbli f'kull*** waħda mill-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; | H. billi r-rispett ***tal-istat tad-dritt huwa kundizzjoni li tiġi qabel il-protezzjoni*** tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili***, u li għandu jkun inerenti għal kull*** waħda mill-miżuri ***ta' sigurtà*** meħuda mill-Unjoni Ewropea ***u l-Istati Membri tagħha***; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; |

Or. fr

**Emenda 106**
**Anna Maria Corazza Bildt, Carlos Coelho, Monica Macovei, Barbara Matera, Traian Ungureanu, Kinga Gál, Alessandra Mussolini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda ***mill-Unjoni*** Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; | H. billi r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili huwa indispensabbli f'kull waħda mill-miżuri meħuda ***mill-Istati Membri u l-Unjoni*** Ewropea; billi s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej mhijiex inkompatibbli mal-garanzija tal-libertajiet tagħhom; billi dawn iż-żewġ prinċipji huma verament iż-żewġ naħat tal-istess munita; |

Or. en

**Emenda 107**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi huwa essenzjali li ssir distinzjoni ċara bejn l-imġiba mmirata lejn il-preparazzjoni u/jew l-appoġġ għal attakki terroristiċi u atti jew opinjonijiet minn estremisti li ma għandhomx il-"mens rea" u l-"actus reus"*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. Billi t-terroriżmu domestiku ta spinta żejda sa ċertu punt perikoluż minn mindu l-ISIS ħadet art fis-Sirja u fl-Iraq u wettqet kampanja ta' propaganda mad-dinja kollha biex tgħaqqad il-qawwiet*** |

***tagħha ma' Ġiħadisti u twettaq attakki f'pajjiżhom stess;***

Or. en

**Emenda 109**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petr Ježek, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. (ġdid) Billi ż-żieda fit-terroriżmu u l-ġellieda barranin żiedet l-intolleranza lejn komunitajiet etniċi u reliġjużi f'diversi pajjiżi fl-Ewropa; meta wieħed iqis li approċċ olistiku biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni, b'mod ġenerali, u l-Iżlamofobija u l-anti-Semitiżmu, b'mod partikolari, huma komplimentari meta ssir ħidma għal prevenzjoni speċifika ta' estremiżmu terroristiku.*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Ana Gomes, Jean Lambert, Barbara Spinelli, Birgit Sippel, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. (ġdid) billi t-terroriżmu u r-reklutaġġ ta' ġellieda barranin żiedu l-intolleranza lejn komunitajiet reliġjużi u etniċi f'diversi pajjiżi fl-Ewropa; billi strateġija olistika biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni b'mod inġenerali u l-Iżlamofobija u l-anti-Semitiżmu b'mod partikolari huma strumenti kruċjali biex tiġi restritta r-radikalizzazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi jidher li r-radikalizzazzjoni terroristika hija kkawżata minn fatturi kemm interni kif ukoll barra mill-Unjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 112**
**Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hb. Billi r-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ ma għandhiex tkun maqtugħa mill-kuntest soċjali u politiku tagħha u trid tiġi investigata f'ambitu usa' tas-soċjoloġija tal-konflitt u l-istudji tal-vjolenza;*** |

Or. en

**Emenda 113**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hc (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hc. billi l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni terroristika għandha ssir fi ħdan approċċ globali bl-għan li jiggarantixxi Ewropa miftuħa u bbażata fuq qafas ta' valuri komuni;*** |

Or. fr

**Emenda 114**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hd (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hd. billi l-kawżi tar-radikalizzazzjoni terroristika mhumiex studjati biżżejjed; billi n-nuqqas ta' integrazzjoni ma jistax jitqies bħala l-kawża prinċipali tar-radikalizzazzjoni terroristika;*** |

Or. fr

**Emenda 115**
**Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hc (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hc. Billi l-qrubija ġeografika tal-konflitt fis-Sirja, l-aċċess faċli għas-Sirja, u l-atroċitajiet tal-gvern Sirjan u l-kundanna internazzjonali tiegħu tat leġittimità kbira lill-impenn armat u għalhekk żiedet ir-reklutaġġ ta' voluntiera biex jiġġieldu r-reġim Sirjan billi jissieħbu ma' gruppi terroristiċi Ġiħadisti bħall-ISIS.*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Marine Le Pen, Edouard Ferrand, Gilles Lebreton**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; ***iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;*** | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; |

Or. fr

**Emenda 117**
**Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; ***iqis indispensabbli f'kull Stat Membru l-promozzjoni ta' approċċ b'diversi sħab u setturi (pereżempju, il-pulizija, l-awtoritajiet lokali, l-iskejjel, l-iskejjel sekondarji, il-kulleġġi u l-universitajiet, is-servizzi ta' għajnuna liż-żgħażagħ, is-servizzi għat-tfal, il-pulizija tal-fruntieri, is-servizzi tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali, l-abitazzjoni, il-ħabsijiet, il-kontroll*** |

***ġudizzjarju) permezz tal-ħolqien ta' infrastruttura istituzzjonali jew l-infurzar tal-kooperazzjonijiet eżistenti, sabiex tinqasam aħjar l-informazzjoni u jiġu koordinati l-miżuri differenti previsti fl-istadji kollha, mill-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, mir-radikalizzazzjoni għad-deradikalizzazzjoni;*** iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;

Or. fr

**Emenda 118**
**Monika Hohlmeier, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ***tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej*** filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ***tistabbilixxi aktar strateġiji tal-UE u tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex tipprevjeni r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej*** filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 119**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun ***strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun ***pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Unjoni għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |
| | *(L-istrateġija tal-Unjoni għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi ġiet adottata mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2005 u riveduta fl-2008 u fl-2014)* |

Or. fr

**Emenda 120**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ***tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej*** filwaqt li tqis kull mezz ta' ***radikalizzazzjoni***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea ***tevalwa l-effettività u l-impatt tal-Istrateġija tal-UE li għadha għaddejja biex jiġu Miġġielda r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ,*** filwaqt li tqis kull mezz ta' ***estremiżmu vjolenti***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri***, inkluż is-Summit ta' Washington dwar il-Ġlieda kontra l-Estremiżmu Vjolenti ta' Frar*** |

dwar il-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ*** taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;

***2015***; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' il-komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni ***tal-firxa ta' estremiżmu vjolenti u r-reklutaġġ*** taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; ***jirrakkomanda għal dan il-għan l-implikazzjoni sinifikanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kemm jekk dawn ikunu reliġjużi kemm jekk le, li għandhom l-esperjenza jew l-għarfien espert biex jipprevjenu l-firxa tal-estremiżmu vjolenti. Il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni mas-soċjetà ċivili għandha tkun mingħajr ħsara għal dawk l-NGOs li ma jixtiqux jipparteċipaw f'tali sforzi.***

Or. en

**Emenda 121**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi ***malajr kemm jista' jkun*** strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea ***u l-valutazzjoni*** tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva ***dwar il-prevenzjoni*** tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi ***b'mod prijoritarju*** strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki ***u l-akkomunament tal-kompetenzi*** fi ħdan l-Unjoni Ewropea***, kif ukoll il-valutazzjoni*** tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa***, flimkien mal-Istati Membri,*** strateġija ta' komunikazzjoni intensiva ***sabiex tikkontribwixxi għall-prevenzjoni*** tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. fr

**Emenda 122**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha ***tiżviluppa*** strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej ***minn organizzazzjonijiet u individwi terroristiċi,*** filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea ***u mkejjen oħra,*** u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha ***tikkontribwixxi u tappoġġja lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta'*** strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet ***u individwi*** terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 123**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni*** u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' ***radikalizzazzjoni***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni ***tal-estremiżmu vjolenti*** u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej ***minn organizzazzjonijiet terroristiċi,*** filwaqt li tqis kull mezz ta' ***estremiżmu vjolenti***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l- |

| | |
|---|---|
| meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni*** u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni ***ta' estremiżmu vjolenti*** u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 124**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' ***radikalizzazzjoni***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni ***intensiva*** dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej ***kif ukoll ċittadini mhux tal-UE li jgħixu fl-Ewropa,*** filwaqt li tqis kull mezz ta' ***dan il-proċess***, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea ***għandha tippromwovi parteċipazzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba ma' organizzazzjonijiet b'esperjenza fil-qasam tar-radikalizzazzjoni terroristika, u*** għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni ***effettiva*** dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 125**
**Goffredo Maria Bettini, Caterina Chinnici**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha ***tiżviluppa*** strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha ***tikkommetti lill-Istati Membri biex jiżviluppaw*** strateġija ***komuni*** ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. it

**Emenda 126**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet ***terroristiċi***; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej ***permezz ta' organizzazzjonijiet Iżlamiċi*** filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar- |

reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet ***Iżlamiċi***;

Or. de

**Emenda 127**
**Kashetu Kyenge**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea ***u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati*** Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea***, il-kondiviżjoni tal-kawżi differenti individwati fl-Istati*** Membri ***individwali u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda***; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. it

**Emenda 128**
**Ana Gomes, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun strateġija komprensiva ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej ***u ċittadini mhux tal-UE*** |

ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;

***li joqogħdu fl-UE,*** filwaqt li tqis kull mezz ta' radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi;

Or. en

**Emenda 129**
**Marek Jurek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista’ jkun strateġija komprensiva ta’ prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta’ radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta’ komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; | 1. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi malajr kemm jista’ jkun strateġija komprensiva ta’ prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej filwaqt li tqis kull mezz ta’ radikalizzazzjoni, u dan tagħmlu abbażi tal-iskambju tal-aħjar prattiki ***u tal-intelligence*** fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-valutazzjoni tal-miżuri meħuda fi ħdan l-Istati Membri; iqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżviluppa strateġija ta’ komunikazzjoni intensiva dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. pl

**Emenda 130**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza fuq l-importanza li titrawwem u tissaħħaħ kooperazzjoni transfruntiera fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi; jenfasizza l-importanza kruċjali li jiġu pprovduti riżorsi adegwati u taħriġ lill-forzi tal-pulizija li jaħdmu fuq l-art;*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob id-divulgazzjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-UE u l-linji gwida dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Radikalizzazzjoni u r-Reklutaġġ għat-Terroriżmu;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob lill-Istati Membri jinfurzaw l-azzjonijiet li jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ ta' terroristi permezz tat-twettiq tal-istrateġiji nazzjonali ta' prevenzjoni u l-implimentazzjoni ta' netwerks ta' prattikanti skont għaxar oqsma ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***azzjonijiet prijoritarji identifikati fl-istrateġija tal-UE għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi (doc. 9956/14);*** |

Or. fr

**Emenda 133**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Billi, skont il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-fatt li persuna kienet membru ta' organizzazzjoni li, minħabba l-involviment tagħha f'atti terroristiċi, qiegħda fil-lista li tifforma l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK u li dik il-persuna appoġġjat b'mod attiv il-ġlieda bl-armi li dik l-organizzazzjoni ssieltet ma tikkostitwixxix b'mod awtomatiku raġuni serja biex jitqies li dik il-persuna wettqet "reat mhux politiku serju" jew "atti li jmorru kontra l-għanijiet u l-prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti";*** |
| | ***min-naħa l-oħra, fejn ikun hemm raġunijiet serji biex jitqies li persuna wettqet tali reat jew hija ħatja ta' tali atti jiddependi fuq valutazzjoni ta' każ b'każ tal-fatti speċifiċi u jekk ir-responsabilità individwali għat-twettiq ta' dawk l-atti tistax tiġi attribwita lill-persuna kkonċernata.*** |

Or. en

*(Ara l-Kawżi Konġunti C‑57/09 u C‑101/09 Bundesrepublik Deutschland v B u D tal-Qorti tal-Ġustizzja)*

**Emenda 134**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Nathalie Griesbeck, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jitlob lill-Istati Membri jikkoordinaw l-istrateġiji tagħhom u jaqsmu l-informazzjoni u l-esperjenza li għandhom, jimplimentaw prattiki tajbin, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew u jikkooperaw sabiex jieħdu inizjattivi ġodda fir-rigward tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ tat-terroristi;*** |

Or. fr

**Emenda 135**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Barra minn hekk, billi sabiex jirrevokaw permess ta' residenza mogħti lil refuġjat jekk dak ir-refuġjat jappoġġja tali organizzazzjoni terroristika, l-awtoritajiet kompetenti huma minkejja kollox obbligati jwettqu, taħt is-superviżjoni tal-qrati nazzjonali, valutazzjoni individwali tal-fatti speċifiċi rigward l-azzjonijiet tal-organizzazzjoni u r-refuġjat inkwistjoni.*** |

Or. en

*(Ara d-Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja C‑373/13 H. T. v Land Baden-Württemberg)*

**Emenda 136**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u*** twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 137**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni ***tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u*** twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu ***għar-radikalizzazzjoni***; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju eżawstiv ***tal-kawżi primarji,*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu ***għal estremiżmu vjolenti u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri għall-prevenzjoni tiegħu***; |

Or. en

**Emenda 138**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' ***"ġellieda barranin"*** u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' ***ġiħadisti*** u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 139**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju ***eżawstiv*** tal-proċess ***u*** tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju ***eżawrjenti*** tal-proċess***,*** tal-influwenzi differenti ***u tal-fatturi ta' vulnerabbiltà*** li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 140**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi*** definizzjoni komuni ***tan-nozzjoni ta'*** "ġellieda barranin" ***u*** twettaq studju ***eżawstiv*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. ***Iqis li l-protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-terroriżmu huwa d-dokument ta' referenza li għandu jintuża mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej sabiex jasal għal*** definizzjoni komuni ***tal-inkriminazzjoni tal-persuni li għandhom jitqiesu bħala*** "ġellieda barranin"***. Jistieden lill-Kummissjoni*** twettaq studju ***eżawrjenti*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni;<br>*(Il-protokoll addizzjonali għall-Konvezjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-prevenzjoni tat-terroriżmu jiddefinixxi ħames atti li jitlob lill-Istati Membri li jistabbilixxu bħala reati kriminali sabiex jiffaċċjaw it-theddida mill-persuni li jsiefru sabiex iwettqu, jikkontribwixxu jew jipparteċipaw f'reati terroristiċi, jew jagħtu jew jirċievu* |

| | |
|---|---|
| | *taħriġ fit-terroriżmu fit-territorju ta' Stat ieħor;)* |

Or. fr

**Emenda 141**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu ***għar-radikalizzazzjoni***; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu ***għall-estremiżmu vjolenti***; |

Or. en

**Emenda 142**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq ***studju eżawstiv*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" ***ibbażata fuq id-definizzjoni pprovduta fir-riżoluzzjoni 2178 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u billi tiżgura li mhix se tinkludi kwalunkwe elementi ta' reliġjon, nazzjonalità, ċiviltà, oriġini razzjali jew etniku; biex teżamina mill-ġdid l-hekk imsejħa l-"lista tat-terroristi"*** u twettaq ***studji eżawstivi*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 143**
**Anna Hedh, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u ***tal-influwenzi*** differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u ***tal-fatturi*** differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. en

**Emenda 144**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju ***eżawstiv*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju ***eżawrjenti tal-kawżi,*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; |

Or. fr

**Emenda 145**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' | 2. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' |

| | |
|---|---|
| “ġellieda ***barranin***” u twettaq studju ***eżawstiv*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | “ġellieda ***Ewropej***” u twettaq studju ***eżawrjenti*** tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni***, bl-appoġġ taċ-ċentru ġdid ta' eċċellenza tan-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN)***; |

Or. fr

**Emenda 146**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni; | 2. jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni komuni tan-nozzjoni ta' "ġellieda barranin" u twettaq studju eżawstiv tal-proċess u tal-influwenzi differenti li jwasslu għar-radikalizzazzjoni ***permezz ta' organizzazzjonijiet Iżlamiċi***; |

Or. de

**Emenda 147**
**Tomáš Zdechovský**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) ***kif ukoll il-komunitajiet Musulmani*** fit-twettiq ta' dan |

| | |
|---|---|
| taċ-ċittadini Ewropej; | l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; |

Or. en

**Emenda 148**
**Kinga Gál**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li ***jsir użu sħiħ tal-istrumenti*** li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li ***tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Ewropea; jirrakkomanda li jiġu sfruttati aktar l-istrumenti*** li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi***; jenfasizza li t-taħriġ huwa essenzjali sabiex uffiċjali tal-infurzar tal-liġi li jaħdmu fuq l-art ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-għodod eżistenti***; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; |

Or. en

**Emenda 149**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra ***r-radikalizzazzjoni*** u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill- | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra ***l-estremiżmu vjolenti u*** r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill- |

| | |
|---|---|
| organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) ***fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej***; | organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN); |

Or. en

**Emenda 150**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***jitrażżan ir-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni*** taċ-ċittadini Ewropej; |

Or. en

**Emenda 151**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu ***għall-ġlieda*** | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu ***għall-*** |

| | |
|---|---|
| ***kontra r-radikalizzazzjoni*** u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu ***n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN)*** fit-twettiq ta' dan l-objettiv ***li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej***; | ***konteniment u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni*** u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu ***l-RAN u ċ-ċentru ta' eċċellenza tiegħu*** fit-twettiq ta' dan l-objettiv***, u dan speċjalment jekk jikkoopera aktar ma' min jieħu d-deċiżjonijiet politiċi u amministrattivi, fil-livell lokali u nazzjonali, sabiex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet żviluppati mill-esperti fil-livelli tal-Istati Membri***; |

Or. fr

**Emenda 152**
**Goffredo Maria Bettini, Caterina Chinnici**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li ***jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda*** kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) ***fit-twettiq ta' dan l-objettiv li*** jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li ***titjib l-effettività tal-għodod li diġà qed jintużaw u biex tiġi adottata strateġija ġdida*** kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) ***biex*** jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej***, permezz ta' strateġiji ta' komunikazzjoni bl-għan li jippromwovu t-tolleranza, in-nondiskriminazzjoni, il-libertajiet fundamentali, inkluż id-djalogu interreliġjuż ma' komunitajiet oħra***; |

Or. it

**Emenda 153**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista’ jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***jitrażżan*** ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista’ jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***titrażżan*** ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; ***jitlob pubbliċità u viżibbiltà aħjar ta' dan in-netwerk mal-atturi tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 154**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet ***terroristiċi***; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet ***Iżlamiċi***; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej ***permezz ta' organizzazzjonijiet Iżlamiċi***; |

Or. de

**Emenda 155**
**Gérard Deprez, Louis Michel, Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda ***li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan***; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***jitrażżan*** ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda ***lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw il-mezzi disponibbli, partikolarment fir-rigward tal-fondi għas-sigurtà interna (ISF), permezz tal-istrument FSI-Police sabiex jiġu appoġġjati proġetti u miżuri li jipprevjenu r-radikalizzazzjoni***; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li ***titrażżan*** ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej;<br>*(L-istrument FSI-Police għandu, għall-perjodu 2014-2020, baġit ta' ftit aktar minn biljun euro, li 662 miljun minnhom f'ġestjoni konġunta u 342 miljun f'ġestjoni diretta.)* |

Or. fr

**Emenda 156**
**Ana Gomes, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Birgit Sippel, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu ***għall-prevenzjoni u*** għall-ġlieda kontra r- |

taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej;

radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi***; jenfasizza l-importanza li jintużaw l-istrumenti interni u esterni kollha b'mod olistiku u komprensiv***; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej;

Or. en

**Emenda 157**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu ***għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u*** r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan***;*** jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv ***li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej;*** | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu ***għall-indirizzar tal-kawżi primarji, għall-prevenzjoni u l-ġlieda*** kontra l-firxa ta' estremiżmu vjolenti u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi ***u ta' estremiżmu vjolenti***; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan***, inkluż provvista importanti ta' fondi sabiex tiġi promossa l-inklużjoni soċjali, ekonomika, ta' akkomodazzjoni u tal-għajxien u tissaħħaħ is-sistema tal-edukazzjoni u l-bini tal-kapaċità tagħha***; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv***; jirrakkomanda li r-RAN jikkonsulta u juża l-għarfien espert u l-esperjenza bażika ta' komunitajiet differenti u speċjalment NGOs taż-żgħażagħ madwar l-Ewropa u jħares lejn ir-"radikalizzazzjoni" b'mod komprensiv biex jinkludi l-forom kollha ta'*** |

*estremiżmu vjolenti, bħala parti minn fenomenu kumpless.*

Or. en

**Emenda 158**
**Angel Dzhambazki**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; | 3. Jinsisti fuq l-importanza li jsir użu sħiħ tal-istrumenti li diġà jeżistu għall-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ taċ-ċittadini Ewropej mill-organizzazzjonijiet terroristiċi; jirrakkomanda li jsir użu akbar tal-fondi Ewropej allokati għal dan il-għan; jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollu n-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN) fit-twettiq ta' dan l-objettiv li jitrażżan ir-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; ***jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ aktar in-netwerk li jqajjem kuxjenza dwar ir-radikalizzazzjoni (RAN), inter alia billi ssaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni u kooperazzjoni konkreta bejn il-partijiet interessati dwar l-antiradikalizzazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Caterina Chinnici, Goffredo Maria Bettini, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) Par. 4 - Iqis, madankollu, bħala ezzenzjali li jinstab bilanċ xieraq bejn is-sikurezza taċ-ċittadini u r-rispett għad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***drittijiet fundamentali tal-individwi, inkluż id-dritt għall-privatezza, id-dritt għall-protezzjoni ta' dejta personali sensittiva, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni, anki fid-dawl tas-sentenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-Direttiva dwar iż-żamma tad-dejta;*** |

Or. it

**Emenda 160**
**Tanja Fajon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem għandhom ikunu fil-qalba tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-prevenzjoni ta' politiki ta' radikalizzazzjoni tal-Unjoni filwaqt li jiġi żgurat li s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-infurzar tal-liġijiet mhumiex reċiprokament esklussivi iżda komplementari; il-politiki tal-UE, inklużi l-għajnuna tal-iżvilupp, għandhom jistinkaw biex jippromwovu governanza tajba, drittijiet tal-bniedem, ġlieda kontra inugwaljanzi ekonomiċi, faqar u tipprovdi l-edukazzjoni sabiex jiġu miġġielda l-kawżi ewlenin tar-radikalizzazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Caterina Chinnici, Goffredo Maria Bettini, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 – punt 2 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (2) Par. 5 - Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex kontinwament taħdem biex ittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali permezz tal-kanali diġà attivi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija sabiex titjieb il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni. |

Or. it

**Emenda 162**
**Caterina Chinnici, Goffredo Maria Bettini, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 – punt 3 (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3) Par. 6 - Jenfasizza l-bżonn li tiġi involuta s-soċjetà ċivili fil-livelli nazzjonali u lokali b'inizjattivi konkreti biex jipprevjenu u jnaqqsu r-riskju tat-tixrid ta' ideoloġiji estremisti;*** |

Or. it

**Emenda 163**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura II**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| II. Il-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni*** fil-ħabsijiet | II. Il-prevenzjoni ***tal-firxa ta' estremiżmu vjolenti u reklutaġġ*** fil-ħabsijiet |

Or. en

**Emenda 164**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura II**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| II. Il-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni*** fil-ħabsijiet | II. Il-prevenzjoni ***tal-estremiżmu vjolenti*** fil-ħabsijiet |

Or. en

**Emenda 165**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Ana Gomes, Sylvia-Yvonne Kaufmann**
f'isem il-Grupp S&D
**Barbara Spinelli**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom ***bejta li tiffavorixxi*** d-disseminazzjoni ***ta' ideoloġiji radikali***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda ***tar-radikalizzazzjoni*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom ***wieħed minn diversi ambjenti li jiffavorixxu*** d-disseminazzjoni ***tal-estremiżmu vjolenti***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda ta' ***estremiżmu vjolenti*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; ***jikkundanna madanakollu l-iffullar tal-ħabsijiet, li jwassal għal kundizzjonijiet prekarji fil-ħabsijiet f'diversi Stati Membri*** [1a]<br>__________________<br>***1a***<br>***http://www.prisonobservatory.org/index.php?option=com_content&view=article&id=20&Itemid=129*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Anna Hedh, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jinkoraġġixxi l-Istati Membri jieħdu azzjonijiet immedjati kontra ħabsijiet iffullati, li hija problema kbira f'ħafna Stati Membri li żżid b'mod sinifikanti r-riskju tar-radikalizzazzjoni u tnaqqas l-opportunitajiet għar-riabilitazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom ***bejta*** li ***tiffavorixxi*** d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji ***radikali***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet fl-Ewropa; | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom ***wieħed minn diversi ambjenti*** li ***jiffavorixxu*** d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji ***ta' estremiżmu vjolenti***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet fl-Ewropa; ***jikkundanna madanakollu l-iffullar tal-ħabsijiet, li jwassal għal kundizzjonijiet prekarji fil-ħabsijiet f'diversi Stati Membri*** |

Or. en

**Emenda 168**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ***ideoloġiji radikali***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda ***tar-radikalizzazzjoni*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ***estremiżmu vjolenti***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda ***ta' estremiżmu vjolenti*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; |

Or. en

**Emenda 169**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji radikali; jistieden ***lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi*** l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet fl-Ewropa; | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji radikali; jistieden l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet fl-Ewropa; |

Or. en

**Emenda 170**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji radikali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil- | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ideoloġiji***, partikolarment Iżlamiċi,*** radikali; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex |

| | |
|---|---|
| ħabsijiet fl-Ewropa; | jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni ***Iżlamika*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; |

Or. de

**Emenda 171**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ***ideoloġiji radikali***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet fl-Ewropa; | 4. Jenfasizza li l-ħabsijiet għadhom bejta li tiffavorixxi d-disseminazzjoni ta' ***estremiżmi terroristiċi***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippromwovi l-iskambji ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri biex jiffaċċjaw iż-żieda tar-radikalizzazzjoni ***terroristika*** fil-ħabsijiet fl-Ewropa; |

Or. en

**Emenda 172**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet;*** | ***imħassar*** |

*(Jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' radikaliżmu fuq il-ħabsin l-oħra permezz tal-intimidazzjoni u biex jikkontrollaw ir-radikalizzazzjoni fi ħdan dawk l-istituzzjonijiet;)*

Or. en

**Emenda 173**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex ***tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej***; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin ***radikalizzati li jinsabu*** fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' ***pressjoni radikali*** fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu ***r-radikalizzazzjoni*** fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex ***jiġi pprevenut l-estremiżmu vjolenti***; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin ***li jaderixxu għall-estremiżmu vjolenti*** fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' estremiżmu vjolenti fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu ***l-estremiżmu vjolenti*** fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 174**
**Kati Piri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl- | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl- |

| | |
|---|---|
| Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; ***jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet;*** | Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; |

Or. en

**Emenda 175**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Sylvia-Yvonne Kaufmann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tippubblika*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni ***taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet***; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tipproponi*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni ***tal-ħabsin u biex titrażżan il-firxa tar-radikalizzazzjoni***; |

Or. en

**Emenda 176**
**Barbara Spinelli, Martina Anderson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea |

| | |
|---|---|
| ***tippubblika*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa ***biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet;*** | ***tipproponi*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa ***biex jiġi garantit ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u tiġi evitata l-firxa tal-estremiżmu vjolenti, ukoll billi jiġu indirizzati sitwazzjonijiet bħall-iżolament u l-immarkar tal-ħabsin li jistgħu jkattru l-vulnerabbiltà għal tattiċi ta' reklutaġġ.*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tippubblika*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex ***tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej***; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex*** jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tissuġġerixxi u tfassal*** linji gwida ***pubbliċi*** dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex ***tipprevjeni li ċ-ċittadini Ewropej isiru terroristi radikalizzati***; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jisseparaw il-ħabsin li jkunu diġà ġew reklutati minn organizzazzjonijiet terroristiċi mill-bqija, bil-għan li*** jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali ***terroristika*** fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 178**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tippubblika*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet***; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea ***tipproponi*** linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***għandhom jeżaminaw l-evidenza u l-esperjenza rigward is-segregazzjoni ta' ħabsin fil-ħabsijiet tagħhom qabel u waqt li jiżviluppaw tal-istrateġija xierqa għas-sistemi tal-ħabsijiet tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 179**
**Mariya Gabriel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta’ pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta’ pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; ***ifakkar li l-istituzzjonijiet pubbliċi ta' protezzjoni taż-żgħażagħ jew iċ-ċentri ta' detenzjoni jew riabilitazzjoni jistgħu jrawmu wkoll ir-radikalizzazzjoni fost il-minuri li huma mira partikolarment vulnerabbli;*** |

Or. fr

**Emenda 180**
**Liisa Jaakonsaari**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; ***jekk il-persunal tal-ħabs jissuspetta jew isib sinjal ta' sforzi ta' reklutaġġ, dawn iridu jiġu indirizzati minnufih bl-aktar mod xieraq, u leġittimu;*** jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 181**
**Petr Ježek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom***, filwaqt li jżommu d-drittijiet u l-libertajiet tagħhom u ma jinċitawx mibegħda lejn is-sistema minn simpatizzanti li jaħsbuha l-istess jew li għadhom inċerti,*** sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il- |

| | |
|---|---|
| | ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 182**
**Eleftherios Synadinos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jirrikorru għall-iżolament*** tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jipproċedu bis-separazzjoni*** tal-ħabsin radikalizzati ***mill-oħrajn,*** li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. el

**Emenda 183**
**Anna Maria Corazza Bildt, Carlos Coelho, Monica Macovei, Barbara Matera, Kinga Gál, Alessandra Mussolini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni ***taċ-ċittadini Ewropej***; ***jirrakkomanda*** li l-Istati Membri ***jirrikorru għall-iżolament*** tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni ***tal-ħabsin***; ***jemmen*** li l-Istati Membri ***għandhom iqisu l-iżolament*** tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l- |

| | |
|---|---|
| tagħhom sabiex jipprevjenu ***l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra*** u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 184**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni ***Iżlamika*** taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri jirrikorru għall-iżolament tal-ħabsin radikalizzati ***b'dan il-mod*** li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni ***Iżlamika*** radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. de

**Emenda 185**
**Monika Hohlmeier, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jirrikorru*** | 5. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni Ewropea tippubblika linji gwida dwar miżuri li għandhom jiġu applikati fil-ħabsijiet fl-Ewropa biex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni taċ-ċittadini Ewropej; jirrakkomanda li l-Istati Membri |

| | |
|---|---|
| ***għall-iżolament tal-ħabsin*** radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; | ***jisseparaw il-ħabsin*** radikalizzati li jinsabu fil-ħabsijiet tagħhom sabiex jipprevjenu l-impożizzjoni ta' pressjoni radikali ***permezz ta' intimidazzjoni jew prattiki oħra*** fuq il-ħabsin l-oħra u jrażżnu r-radikalizzazzjoni fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet; |

Or. en

**Emenda 186**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
**Goffredo Maria Bettini, Caterina Chinnici**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ffaċjati mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; | 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri ***jtejbu l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ b'mod partikolari u*** jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ffaċjati mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. it

**Emenda 377**
**Brice Hortefeux, Rachida Dati**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta’ komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem | 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta’ komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem |

| | |
|---|---|
| kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ***ffaċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; | kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi***, jidentifikaw iċ-ċirku ta' kompliċità li jżid il-fenomenu tar-radikalizzazzjoni minħabba kkupjar jew kompetizzjoni*** u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ***ffaċċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. fr

**Emenda 378**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ffaċjati mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet ***terroristiċi***; | 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni ***Iżlamika***; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ffaċjati mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet ***Iżlamiċi***; |

Or. de

**Emenda 379**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-UE twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' ***radikalizzazzjoni***; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri ***jistabbilixxu taħriġ*** speċjalizzat ***tal-għalliema u persunal edukattiv*** b'tali mod li jkunu kapaċi ***jidentifikaw*** tibdiliet possibbli fl-imġiba ***suspettużi*** u ***bil-għan li*** jkunu ***jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ*** vulnerabbli meta ***ffaċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; | 16. Jistieden lill-UE***, biex flimkien ma' esperti rilevanti bħall-RAN,*** twettaq kampanja ta' komunikazzjoni maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' ***estremiżmu vjolenti***; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri ***jipprovdu persunal edukattiv b'taħriġ*** speċjalizzat u għodod xierqa b'tali mod li jkunu kapaċi ***jifhmu l-iżvilupp ta'*** tibdiliet possibbli fl-imġiba u jkunu ***ppreparati jitkellmu b'mod didattiku maż-żgħażagħ*** vulnerabbli meta ***ffaċċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; |

Or. en

**Emenda 380**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petras Auštrevičius, Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jistieden lill-UE twettaq ***kampanja ta' komunikazzjoni*** maħsuba biex tqajjem kuxjenza fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ***ffaċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; | 16. Jistieden lill-UE ***tinkoraġġixxi qawmien ta' kuxjenza effettiv*** fost iż-żgħażagħ, iżda wkoll fost il-persunal ta' ġestjoni, dwar il-kwistjonijiet ta' radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu taħriġ speċjalizzat tal-għalliema u persunal edukattiv b'tali mod li jkunu kapaċi jidentifikaw tibdiliet possibbli fl-imġiba suspettużi u bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw imġiba adegwata biex jiġġestixxu liż-żgħażagħ vulnerabbli meta ***ffaċċjati*** mir-reklutaġġ minn organizzazzjonijiet terroristiċi; ***ifakkar li l-atturi edukattivi, il-mexxejja reliġjużi, il-ħaddiema soċjali u l-professjonisti l-oħra kollha li jaħdmu fil-qasam tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***edukazzjoni, għandhom jiġu mħarrġa skont il-kriterji ta' mertu u disponibbiltà u ma għandhomx jitqiesu bħala aġenti speċjali ta' sorveljanza; ifakkar li l-intromissjoni mill-qawwiet pubbliċi tista' tkun kontroproduttiva;*** |

Or. en

**Emenda 381**
**Liisa Jaakonsaari**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Istati Membri jbaxxu l-limiti fuq l-iskejjel biex jittrattaw kwistjonijiet politiċi u soċjali kif ukoll biex jiddiskutu modi biex jinfluwenza l-parteċipazzjoni; iħeġġeġ lill-għalliema u lill-persunal edukattiv biex jirreaġixxu għal attivitajiet jew kwistjonijiet relatati mat-terroriżmu b'mod totalment negattiv jew ta' min jikkundannah.*** |

Or. en

**Emenda 382**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-UE toħroġ linji gwida biex tiżgura li l-iskejjel jinkorporaw drittijiet fundamentali u demokrazija fit-tagħlim u l-prattiki tagħhom, u biex testendi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-attivitajiet tal-iskejjel tagħhom, biex tipprattika l-valuri proprji taċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 383**
**Sylvie Guillaume**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jenfasizza l-possibilitajiet offruti lill-Istati Membri u lill-esperti dwar edukazzjoni fil-midja fil-qafas tal-programm "Ewropa kreattiva"; ifakkar li l-programmi tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni, tal-kultura u tal-isport jiffurmaw vetturi essenzjali sabiex jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri bil-għan li jindirizzaw l-inugwaljanzi u jipprevjenu l-emarġinazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati, fil-kuntest tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, attivitajiet ġodda bil-għan li jippromwovu valuri Ewropej fil-qasam tal-edukazzjoni; jinsisti fost oħrajn fuq użu mmirat tal-programm ta' finanzjament Erasmus+ sabiex jingħataw possibilitajiet importanti ta' mobilità lill-istudenti u l-professuri billi javvanzaw it-trażmissjoni tal-valuri ċiviċi;*** |

Or. fr

**Emenda 384**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16b. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforz biex testendi l-programmi Erasmus+ u dawk ta' mobbiltà għall-benefiċċju ta'*** |

*gruppi marġinalizzati*

Or. en

**Emenda 385**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16c. Jistieden aktar appoġġ mill-Istati Membri u l-UE għal proġetti taż-żgħażagħ u speċjalment proġetti għall-promozzjoni ta' djalogu bejn il-komunitajiet, l-inklużjoni soċjali u skemi ta' impjiegi, u biex jiġi żgurat li l-baġits nazzjonali u tal-UE għal proġetti taż-żgħażagħ ma jitnaqqsux;*** |

Or. en

**Emenda 386**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16d. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-proġetti taż-żgħażagħ li jinvolvu żgħażagħ b'ambjent ta' esperjenza differenti u minn żoni marġinalizzati;*** |

Or. en

**Emenda 387**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja*** reliġjużi***, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati;*** | 17. ***Jikkundanna l-fatt li tali komunitajiet*** reliġjużi ***ma jerfgħux ir-responsabilità tagħhom li jiġġieldu r-radikalizzazzjoni fost iż-żgħażagħ tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 388**
**Tomáš Zdechovský**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar ***tal-fenomenu*** tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***priġunieri*** meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti, ***speċjalment il-komunitajiet Musulmani*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar ***tal-periklu*** tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippriedkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***ħabsin*** meqjusa bħala radikalizzati; |

Or. en

**Emenda 389**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petras Auštrevičius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet***, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippriedkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet; |

Or. en

**Emenda 390**
**Anna Maria Corazza Bildt, Carlos Coelho, Monica Macovei, Frank Engel, Barbara Matera, Kinga Gál, Alessandra Mussolini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar ***tal-fenomenu*** tar-radikalizzazzjoni; ***jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja*** reliġjużi***, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tar-radikalizzazzjoni ***u biex jevitawha***; ***jinsisti fuq ir-rwol importanti li l-komunitajiet*** reliġjużi ***għandhom fil-ġlieda kontra l-fundamentaliżmu, id-diskors ta' mibegħda u l-propaganda terroristika***; |

Or. en

**Emenda 391**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos, Malin Björk**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet ***reliġjużi*** differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu ***tar-radikalizzazzjoni***; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet ***kulturali-reliġjużi*** differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu ***tal-estremiżmu vjolenti***; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***il-ħtieġa li jinkludu l-komunitajiet reliġjużi fil-ħajja kulturali tal-Istat kemm fil-livell lokali kif ukoll fil-livell reġjonali***; |

Or. en

**Emenda 392**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu ***mal-komunitajiet reliġjużi differenti*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu ***tar-radikalizzazzjoni***; ***jiġbed l-attenzjoni tal-Istati*** Membri ***lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu ***mas-soċjetà ċivili*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu ***tal-estremiżmu vjolenti***; ***isejjaħ lill-Istati*** Membri ***biex jinvolvu lill-mexxejja tal-komunitajiet fil-prevenzjoni ta' inċitament ta' mibegħda u estremiżmu vjolenti***; |

Or. en

**Emenda 393**
**Anna Hedh, Soraya Post**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. ***Jinsisti*** fuq il-ħtieġa li jsir ***id-djalogu mal-komunitajiet*** reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | 17. ***Jindika li l-kawżi tar-radikalizzazzjoni huma varji u kumplessi u ma jistgħux jiġu spjegati biss permezz ta' motivi reliġjużi; jinsisti*** fuq il-ħtieġa li jsir djalogu wiesa' ***mas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet*** reliġjużi differenti ***u atturi rilevanti oħra bħall-iskejjel, l-awtoritajiet legali u soċjali,*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***l-ambjenti fejn ir-radikalizzazzjoni qed isseħħ u l-kwistjoni tat-taħriġ ta' atturi prinċipali u mexxejja reliġjużi f'dawn l-ambjenti sabiex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għal organizzazzjoni terroristika***; |

Or. en

**Emenda 394**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti ***sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni***; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta’ persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta’ kult | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti***, li jistgħu jgħinnu jipprevjenu r-radikalizzazzjoni***; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta’ persuni li ***jippritkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta’ kult |

| | |
|---|---|
| fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; ***ifakkar li l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni m'għandha tistigmatizza l-ebda twemmin jew reliġjon;*** |

Or. fr

**Emenda 395**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi**,** bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi- ***li jekk possibbli għandu jsir fl-Ewropa -*** bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; |

Or. de

**Emenda 396**
**Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir ***id-djalogu mal-komunitajiet*** reliġjużi ***differenti*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal- | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir djalogu ***kritiku ma' komunitajiet, mexxejja u esperti*** reliġjużi sabiex jipparteċipaw |

| | |
|---|---|
| fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan*** li ***tiġi pprevenuta*** l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew***, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati***; | f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn ***il-ħtieġa*** li jipprevjenu l-preżenza ta' persuni li ***jippriedkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew ***u milli jużaw il-pożizzjoni ta' konsulenti reliġjużi biex irawmu r-radikalizzazzjoni, b'mod partikolari fil-ħabsijiet, u, għal dak il-għan, jemmen li għandu jiġi promoss taħriġ speċjalizzat biex jgħin lill-komunitajiet reliġjużi jiġġieldu r-radikalizzazzjoni sabiex huma wkoll ikunu jistgħu jkollhom rwol fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; jemmen għalhekk li l-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk l-ippriedkar reliġjuż, ikun xi jkun ir-reliġjon, jikkonformax mad-drittijiet fundamentali tal-UE; ifakkar li l-inklużjoni soċjali u l-programmi tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni ma għandhomx ikunu marbuta ma' istituzzjonijiet involuti fis-sorveljanza, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, id-deradikalizzazzjoni u li l-mexxejja reliġjużi, il-ħaddiema soċjali, l-għalliema, l-edukaturi taż-żgħażagħ, l-edukaturi sportivi, jew il-professjonisti tas-saħħa ma għandhomx isiru aġenti tas-sorveljanza;*** |

Or. en

**Emenda 397**
**Kati Piri**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li |

| | |
|---|---|
| ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***priġunieri*** meqjusa bħala radikalizzati; | ***jippriedkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***ħabsin*** meqjusa bħala radikalizzati; ***jistieden lill-Istati Membri jfasslu lista konġunta ta' predikaturi tal-mibegħda minn pajjiżi terzi, abbażi ta' sett ta' kriterji, sabiex ma jħalluhomx jidħlu fl-Unjoni Ewropea b'viża għal żjara qasira;*** |

Or. en

**Emenda 398**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta’ persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta’ persuni ***Iżlamiċi*** li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; |

Or. de

**Emenda 399**
**Kashetu Kyenge**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu |

| | |
|---|---|
| mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll ***tal-kappillani tal-ħabsijiet,*** b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li jippridkaw il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll ***tal-figuri reliġjużi ta' referenza għall-kulti differenti li jaħdmu fil-ħabsijiet,*** b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; |

Or. it

**Emenda 400**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu ***mal-komunitajiet reliġjużi differenti*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll ***tal-kappillani tal-ħabsijiet***, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu ***interkulturali*** sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippritkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew ***u jiġi żgurat li dawn ixandru l-valuri Ewropej***, iżda wkoll ***tar-rappreżentanti reliġjużi, filosofiċi u lajċi li jaħdmu fil-ħabsijiet***, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; |

Or. fr

**Emenda 401**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz**
f'isem il-Grupp ALDE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***priġunieri*** meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippriedkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' ***ħabsin*** meqjusa bħala ***li ġew*** radikalizzati; ***jirrikonoxxi madanakollu, li filwaqt li postijiet ta' kult jistgħu jipprovdu punti ta' kuntatt, il-parti l-kbira tal-proċess ta' indottrinazzjoni u reklutaġġ isseħħ f'kuntest aktar informali;*** |

Or. en

**Emenda 402**
**Morten Messerschmidt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippridkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; | 17. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir id-djalogu mal-komunitajiet reliġjużi differenti sabiex jipparteċipaw f'fehim aħjar tal-fenomenu tar-radikalizzazzjoni; jiġbed l-attenzjoni tal-Istati Membri lejn il-kwistjoni tat-taħriġ tal-mexxejja reliġjużi, bil-għan li tiġi pprevenuta l-preżenza ta' persuni li ***jippritkaw*** il-mibegħda fil-postijiet ta' kult fuq it-territorju Ewropew, iżda wkoll tal-kappillani tal-ħabsijiet, b'mod partikolari meta dawn ikunu fil-preżenza ta' priġunieri meqjusa bħala radikalizzati; ***jipproponi li l-istabbiliment ta' postijiet ta' qima jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***suġġett għall-firma solenni ta' karta ċivika li tafferma partikolarment ir-rispett tal-ugwaljanza bejn is-sessi, is-supremazija assoluta tal-istat tad-dritt fl-ispazju pubbliku, l-obbligu li jsiru prietki biss bil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż ta' residenza, il-libertà reliġjuża li timplika l-bidla tar-reliġjon u l-projbizzjoni tal-finanzjamenti barranin;*** |

Or. fr

**Emenda 403**
**Heinz K. Becker**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. jirreferi b'mod pożittiv għall-eżempji ta' xi Stati Membri, li pproċedew kontra l-problema tal-finanzjament ta' komunitajiet reliġjużi minn terzi minn barra l-Unjoni Ewropea permezz ta' projbizzjoni ta' tali finanzjamenti barranin u jirrakkomanda lill-Istati Membri, li għadhom ma adottawx tali miżuri, sabiex isegwu dan l-eżempju;*** |

Or. de

**Emenda 404**
**Anna Maria Corazza Bildt, Carlos Coelho, Monica Macovei, Barbara Matera, Alessandra Mussolini**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jenfasizza fuq l-importanza li jiġu identifikati l-kawżi ewlenin tar-radikalizzazzjoni li mhux dejjem ikunu reliġjużi; jistieden lill-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| | ***jaħdmu għal politiki ta' integrazzjoni aktar effettivi, biex jiżguraw inklużjoni aħjar fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, u biex jippromwovu kultura ta' tolleranza u rispett bejn il-komunitajiet differenti u l-libertà tar-reliġjon.*** |

Or. en

**Emenda 405**
**Marek Jurek**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jinkoraġġixxi li tinżamm l-assistenza permanenti għall-immigranti mill-Afrika u mil-Lvant Nofsani fil-kampijiet tar-refuġjati fl-UE u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni f'dawn il-kampijiet sabiex tiġi pprevenuta r-radikalizzazzjoni tas-sentimenti fost ir-refuġjati li jkunu waslu reċentement;*** |

Or. pl

**Emenda 406**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Għalhekk, il-komunitajiet kulturali-reliġjużi għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' politiki ta' prevenzjoni kontra l-estremiżmu vjolenti kif ukoll politiki oħra li jaffettwawhom;*** |

Or. en

**Emenda 407**
**Barbara Spinelli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17b. Ifakkar li l-programmi ta' inklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni ma għandhomx ikunu marbuta mal-finanzjament/istituzzjonijiet involuti f'attivitajiet ta' sorveljanza/il-ġlieda kontra t-terroriżmu/diżingaġġ. Imamijiet, mexxejja reliġjużi, ħaddiema soċjali, edukaturi, edukaturi taż-żgħażagħ, edukaturi tal-isport, jew professjonisti tas-saħħa ma għandhomx isiru aġenti tas-sorveljanza.*** |

Or. en

**Emenda 408**
**Kristina Winberg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ***ta' kull wieħed mill-atturi*** fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni***, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali***; jinkoraġġixxi ***l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati***; | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ***tal-komunitajiet Iżlamiċi*** fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni; jinkoraġġixxi ***lill-familji tal-ġiħadisti sabiex huma wkoll jerfgħu r-responsabilità tagħhom u b'hekk jieqfu jwaħħlu fl-Awtoritajiet Nazzjonali, il-Gvern u l-iskejjel għall-imġiba taż-żgħażagħ tagħhom***; |

Or. en

**Emenda 409**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji ***tal-vittmi***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs***, il-vittmi tat-terroriżmu, il-familji tagħhom*** u l-familji ***tal-persuni radikalizzati***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat ***kif ukoll aktar appoġġ finanzjarju*** għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; |

Or. fr

**Emenda 410**
**Sophia in 't Veld**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni ***tar-radikalizzazzjoni***, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; |

internazzjonali; jinkoraġġixxi ***l-istabbiliment ta'*** kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, ***inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post,*** bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens ***l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati***;

jinkoraġġixxi ***l-involviment u l-kooperazzjoni*** mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens ***it-tixrid ta' informazzjoni dwar ir-rikonoxximent u t-trattar ta' każijiet ta' aderenza għall-estremiżmu vjolenti***;

Or. en

**Emenda 411**
**Barbara Spinelli, Kostas Chrysogonos**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li ***tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni***, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali***;*** jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; ***jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati;*** | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali ***li l-atturi kollha responsabbli mill-prevenzjoni tal-firxa tal-estremiżmu vjolenti***, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali ***jiġu appoġġjati permezz ta' finanzjament adegwat, inkluż permezz ta' interventi kostanti fuq skala żgħira u kbira li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u li tagħti s-setgħa lill-individwu u lill-komunità;*** jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; |

Or. en

**Emenda 412**
**Marine Le Pen, Gilles Lebreton**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta’ kooperazzjoni mill-qrib ma’ kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta’ kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta’ taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta’ kooperazzjoni mill-qrib ma’ kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta’ kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi ***tat-terroriżmu***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta’ taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; |

Or. fr

**Emenda 413**
**Petras Auštrevičius**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u ***l-familji tal-vittmi***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u ***l-pubbliku ġenerali***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li |

jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati;

jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati;

Or. en

**Emenda 414**
**Timothy Kirkhope**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li ***tiġi involuta r-responsabilità ta'*** kull wieħed mill-atturi ***fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni,*** kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili***, inklużi b'mod partikolari pjattaformi*** fil-livell nazzjonali u lokali ***ta***' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, ***bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u*** l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li kull wieħed mill-atturi ***jkun konxju tal-ħtieġa li tiġi evitata r-radikalizzazzjoni u tar-responsabilità tal-Gvernijiet, il-komunitajiet u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jieħdu azzjoni kontra dan il-fenomenu;*** kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali u lokali***, u biex tinħoloq*** kollaborazzjoni ***akbar*** bejn l-atturi fuq il-post, ***sabiex jiġu appoġġjati*** l-familji tal-vittmi ***tat-terroriżmu, u biex jappoġġjaw il-familji ta' dawk li ġew radikalizzati***; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; |

Or. en

**Emenda 415**
**Anna Hedh, Soraya Post, Ana Gomes**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati;

*Emenda*

18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; ***awtoritajiet pubbliċi bħas-servizzi soċjali u l-awtoritajiet legali għandhom responsabilità partikolari biex jaġixxu f'konformità mad-drittijiet fundamentali biex jevitaw li strutturi fis-soċjetà jwasslu għall-konflitt u r-radikalizzazzjoni.;***

Or. en

**Emenda 416**
**Franz Obermayr**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post,

*Emenda*

18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni ***Iżlamika***, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post,

| | |
|---|---|
| bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; | bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati; |

Or. de

**Emenda 417**
**Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Petras Auštrevičius, Gérard Deprez, Louis Michel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post ***relatati maċ-ċittadini Ewropej potenzjalment radikalizzati***; | 18. Jenfasizza l-importanza kruċjali li tiġi involuta r-responsabilità ta' kull wieħed mill-atturi fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni, kemm fil-livell lokali, nazzjonali, Ewropew jew dak internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' kull wieħed mill-atturi tas-soċjetà ċivili, inklużi b'mod partikolari pjattaformi fil-livell nazzjonali u lokali ta' kollaborazzjoni bejn l-atturi fuq il-post, bħalma huma l-assoċjazzjonijiet, l-NGOs u l-familji tal-vittmi; jitlob f'dan is-sens l-istabbiliment ta' taħriġ adattat għall-atturi li jinsabu fuq il-post; |

Or. en

**Emenda 418**
**Louis Michel, Gérard Deprez**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***18a. Jistieden lill-Unjoni tintegra l-problematika tar-radikalizzazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***terroristika fit-taħriġ li jingħata mis-CEPOL;*** |

Or. fr

**Emenda 419**
**Kashetu Kyenge**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
